



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14458/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0342 (NLE)

TRANS 688
COWEB 145
ELARG 96
FIN 1189

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL fir-rigward tar-reviżjoni tar-regoli finanzjarji
għall-Komunità tat-Trasport

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

fir-rigward tar-reviżjoni tar-regoli finanzjarji għall-Komunità tat-Trasport

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91 u l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (“it-“TCT”) ġie ffirmat mill-Unjoni f’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937¹.
- (2) It-TCT ġie approvat f’isem l-Unjoni fl-4 ta’ Marzu 2019² u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Mejju 2019.
- (3) Il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali ġie stabbilit mit-TCT għall-amministrazzjoni u għall-implimentazzjoni xierqa tat-TCT. It-TCT jirrikjedi li l-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali jadotta regoli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u għall-preżentazzjoni u l-awditjar tal-kontijiet.
- (4) Il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali dalwaqt ser jadotta d-deċiżjonijiet dwar ir-reviżjoni tar-regoli finanzjarji u l-proċeduri tal-awditjar applikabbli għall-Komunità tat-Trasport.
- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali, peress li tali deċiżjonijiet huma neċessarji għall-funzjonament tajjeb tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, u ser ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937 tal-11 ta’ Lulju 2017 dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 278, 27.10.2017, p. 1).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392 tal-4 ta’ Marzu 2019 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 71, 13.3.2019, p. 1).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f' isem l-Unjoni fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tar-reviżjoni tar-regoli finanzjarji applikabbli għall-Komunità tat-Trasport għandha tissejjes fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Tibdillet minuri fl-abbozz tad-deċiżjoni jistgħu jiġu maqbula mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill..

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President
